# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

# IMHALLEF:

# ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 8 ta' Marzu, 2001**

**Numru 19**

**Cit. Nru. 96/01 GCD**

**Terry u Marie Therese konjugi Attard, Joseph u Frances konjugi Borg u Innocent Farrugia**

**Vs**

**Frank Cachia**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-atturi, wara li qalu:

Illi l-partijiet dahlu fi skrittura privata li fiha l-konvenut obbliga ruhu li jhallas lill-atturi s-somma ta' tnax-il elf lira Maltin (Lm12,000), rapprezentanti ta' bilanc ta' prezz fuq xoghol ta' kostruzzjoni u materjal sa mhux aktar tard mill-15 ta' Jannar 2001;

Illi s-somma ta' tnax-il elf lira Maltin (Lm12,000) huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma ta' l-atturi l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talba li qed issirlu;

Talbu illi din il-Qorti:

1. tghaddi biex tiddecidi fuq it-talba ta' l-atturi bid-dispensa tas-smigh ghat-termini tal-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tnax-il elf lira Maltin (Lm12,000), oltre l-imghax legali, ammont minnu dovut ghar-ragunijiet hawn fuq isemmija;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mill-15 ta' Jannar, 2001, kontra l-konvenut.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Innocent Farrugia u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenut fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, il-konvenut baqa' ma deherx.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq.* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-

kontumacja tal-konvenut tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm